# M I N U T I

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana

## Id-disa' Leġiżlatura

## Laqgħa Numru 6

21 t' Ottubru 2024

Is-sitt (06) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 21 t' Ottubru 2024 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

Preżenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

Skużati:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

Uffiċjal preżenti:-

Emmanie Borg Bonaci — Aġent Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

6.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

6.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**Nota: 16:20 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

6.2 **APPROVAZZJONI TA' PROPOSTA GĦALL-ISKEMA VJAL KULĦADD**

6.2.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi informa lill-Kunsill bil-proposta mressqa minn Friends of the Earth Malta. Huwa ta ftit informazzjoni ta' x'kienet tinkludi din il-proposta li permezz tagħha kien ser jinħoloq passaġġ aktar sigur għall-utenti kollha, inkluż ċiklisti u nies bil-pass, tul Xatt iċ-Ċangatura u Triq Emvin Cremona.

6.2.2. Il-Kunsilliera SSH staqsiet meta ser jibda' dan il-proġett u kemm ser jiġi jiswa'. Is-Sindku qal li għalissa il-Kunsill kien ser iressaq biss proposta għall-kunsiderazzjoni. Huwa żied jgħid li l-għada kien ser ikun hemm laqgħa mal-Periti tal-Kunsill kif ukoll ma' rappreżentanti ta' Friends of the Earth Malta fejn dawn l-affarijiet ser ikunu jistgħu jiġu diskussi f'iktar dettall.

6.2.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi ma kellix oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jiġu ċċarati dawn il-punti u li l-proġett finali ma jaffetwax l-armar tal-monti.

6.2.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju ma' din il-proposta mressqa mis-Sindku NH u ssekondata mill-Viċi Sindku JAE, bir-riżultat ikun wieħed unanimu, u għalhekk qabel li jipproċedi bl-applikazzjoni li għandha titressaq b'mod konġunt ma' Friends of the Earth Malta. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk il-proposta skematika tintgħażel, jieħu ħsieb li din tiġi diskussa fi ħdan forum pubbliku mal-komunità lokali.

6.2.5. Il-laqgħa intemmet fis-17:45.

**Konfermati, illum** il-Ħamis 7 ta' Novembru 2024

(iffirmat)
Nigel Holland
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv